KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.12.2006
KUMM(2006) 787 finali

2006/0276 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib tal-ħarsien tagħhom

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2006) 1648}
{SEG(2006) 1654}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2004 talab lill-Kummissjoni tħejji strateġija kumplessiva għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. Fl-20 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika fil-Ġlieda kontra t-Terroriżmu fejn saru suġġerimenti dwar dak li jista' jsaħħaħ il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni Ewropea għall-attakki terroristiċi fuq l-Infrastrutturi Kritiċi (CI).

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Prevenzjoni, it-Tħejjija u r-Reazzjoni għall-Attakki Terroristiċi" u "Il-Programm ta' Solidarjetà ta' l-UE dwar il-Konsegwenzi tat-Theddidiet u l-Attakki Terroristiċi" adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2004, ikkonfermaw l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' L-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u qablu li l-Kummissjoni twaqqaf Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika (*Critical Infrastructure Warning Information Network (CIWIN)*).

F'Novembru 2005, il-Kummissjoni adottat *Green Paper* dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika (EPCIP), li identifikat għazliet dwar il-politika li tista' tadotta l-Kummissjoni għat-twaqqif ta' l-EPCIP u s-CIWIN.

F'Diċembru 2005 il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern (JHA) talab lill-Kummissjoni biex sa Ġunju 2006 tagħmel proposta dwar l-EPCIP.

Din il-proposta għal Direttiva tippreżenta l-miżuri li qed tipproponi l-Kummissjoni għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib fil-ħarsien tagħha.

- **Il-Kuntest Ġenerali**

Wieħed isib għadd ta' infrastrutturi kritiċi fl-Unjoni Ewropea, li jekk jiġu interrotti jew jinqerdu, jaffetwaw tnejn jew aktar Stati Membri. Jista' wkoll jiġri li l-falliment ta' struttura kritika f'wieħed mill-Istati Membri jkollu effetti fi Stat Membru ieħor. Tali infrastrutturi kritiċi b'dimensjoni transnazzjonali għandhom jiġu identifikati u magħżula bħala Infrastrutturi Kritiċi Ewropej (ECI). Dan jista' jsir biss bis-saħħa ta' proċedura komuni dwar l-identifikazzjoni ta' l-ECI u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib fil-ħarsien tagħhom.

Minħabba d-dimensjoni transnazzjonali, fl-istħarriġ tad-dgħjufijiet u l-vulnerabilitajiet u fl-identifikazzjoni tal-lakuni fil-miżuri ta' ħarsien, metodu integrat li jinkludi l-UE kollha jkun jikkumplimenta kif meħtieġ u jgħolli l-valur tal-programmi nazzjonali għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, diġà eżistenti fl-Istati Membri u jżid valur importanti lill-vijabilità kontinwa u l-kapaċitajiet għall-ħolqien tal-ġid tas-suq intern Ewropew.

Billi s-setturi varji għandhom esperjenza partikolari, għarfien espert u rekwiżiti dwar il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika (CIP), għandu jiġi żviluppat metodu għas-CIP li jinkludi l-UE kollha, għandu jiġi implimentat b'kunsiderazzjoni għall-partikolaritajiet tas-settur ta' l-infrastruttura kritika (CI) u għandu jkun msejjes fuq il-miżuri tas-setturi partikolari ta' l-infrastruttura kritika eżistenti. Hemm bżonn ta' lista komuni tas-setturi ta' l-infrastruttura

kritika biex l-implimentazzjoni tas-sistema għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fuq bażi settorjali tkun aktar faċli.

- **Il-ħtieġa għal qafas komuni**

Huwa biss qafas komuni li jista' jipprovdi l-bażi neċessarja għall-implimentazzjoni koerenti u uniformi ta' miżuri li jsaħħu l-ħarsien ta' l-ECI, kif ukoll id-definizzjoni ċara tar-responsabilitajiet rispettivi tal-partijiet ikkonċernati fl-ECI. Miżuri volontarji li ma jorbtux, għalkemm flessibli, ma jkunux jipprovdu il-pedamenti stabbli neċessarji, peress li dawn ma jkunux ċari biżżejjed fuq min għandu jeżegwixxi liema obbligi, lanqas ma jikkjarifikaw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet involuti li huma interessati fl-ECI.

Proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' Infrastrutturi Kritiċi Ewropej, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi jistgħu jiġu stabbiliti biss permezz ta' Direttiva biex jiġi assigurat:

- livelli xierqa ta' ħarsien li jikkonċernaw l-ECI;

- li l-partijiet kollha interessati fl-ECI jkunu soġġetti għal drittijiet u obbligi simili.

- l-istabbiltà tas-Suq Intern tinżamm;

Il-ħsara jew it-telf ta' biċċa mill-infrastruttura fi SM wieħed jista' jkollhom effett negattiv fuq ħafna oħrajn u fuq l-ekonomija Ewropea kumplessivament. Dan jista' jseħħ aktar minn qatt qabel hekk kif teknoloġiji ġodda (eż. l-Internet) u l-liberalizazzjoni tas-suq (eż fil-forniment ta' l-elettriku u tal-gass) ifissru li ħafna mill-infrastruttura tagħmel parti minn sistema akbar. F'sitwazzjoni bħal din il-miżuri ta' ħarsien huma biss b'saħħithom daqs l-idgħjef rabta tagħhom Dan ifisser li livell komuni ta' ħarsien jista' jkun meħtieġ.

- **Djalogu settorjali mal-partijiet ikkonċernati**

Ħarsien effettiv jirrikjedi komunikazzjoni, koordinament u kooperazzjoni fuq livell kemm nazzjonali kif ukoll ta' l-UE, li jinvolvu l-partijiet kollha ikkonċernati.

L-involviment bis-sħiħ tas-settur privat huwa importanti peress li l-biċċa l-kbira mill-infrastruttura kritika hija propjetà privata operata mill-privat. Kull operatur għandu jikkontrolla l-amministrazzjoni tar-riskji tiegħu peress li normament tkun id-deċiżjoni unika ta' l-operatur liema miżuri ta' ħarsien u liema pjanijiet għall-kontinwazzjoni tan-negozju jiġu implimentati. Il-pjanijiet ta' kontinwità għandhom jirrispettaw il-proċessi u l-loġika normali tan-negozju u fejn possibbli għandhom ikunu msejsa fuq arranġamenti kummerċjali aċċettati.

Is-setturi għandhom l-esperjenza partikolari, l-għarfien espert u r-rekwiżiti relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttrura kritika tagħhom.

Għalhekk, b'konformità mar-reazzjonijiet għall-*Green Paper* ta' l-EPCIP il-metodu adottat mill-UE għandu jinvolvi bis-sħiħ lis-settur privat, b'kunsiderazzjoni għall-karatteristċi tas-setturi partikolari u għandu jkun imsejjes fuq miżuri ta' ħarsien eżistenti tas-setturi partikolari.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ma jeżistu l-ebda dispożizzjonijiet oriżżontali dwar il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fuq livell ta' l-UE. Din id-Direttiva twaqqaf proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta'

Infrastrutturi Kritiċi Ewropej, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi.

Jeżistu numru ta' miżuri settorjali li jinkludu:

- Fis-settur tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni:

  (a) Id-Direttiva dwar Servizz Universali (2002/22/KE) li titratta *inter alia* l-integrità tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubbliċi

  (b) Id-Direttiva ta' l-Awtorizzazzjoni (2002/20/KE) li titratta *inter alia* l-integrità tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubbliċi

  (c) Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (2002/58/KE) li titratta *inter alia* s-sigurtà tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubbliċi

  (d) Id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2005/222/JHA ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-attakki kontra is-sistemi ta' informazzjoni

  (e) Ir-Regolament (KE) nru 460/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jwaqqaf l-Aġenzija Ewropea dwar is-sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)

- Fis-settur tas-saħħa:

  (a) id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 li jwaqqaf netwerk għas-sorveljanza epidemoloġika u għall-kontroll ta' mard li jittieħed fil-Komunità

  (b) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/94/KE tat-8 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxxi l-prinċipji u l-linji gwida tal-prassi ta' fabbrikazzjoni tajba fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u prodotti mediċinali fil-fażi ta' sperimentazzjoni għall-użu mill-bniedem

- Fis-settur finanzjarju:

  (a) id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID)

  (b) standards ta' sorveljanza għas-sistemi ta' pagamenti mill-konsumatur bl-euro adottati f'Ġunju 2003 mill-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB)

  (c) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-ftuħ u t-tkomplija ta' negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu

  (d) id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar is-suffiċjenza kapitali ta' ditti ta' investiment u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

(e) il-proposta għal Direttiva dwar servizzi ta' pagament fis-suq intern li temenda id-Direttivi 97/7/KE, 2000/12/KE u 2002/65/KE (KUMM(2005) 603)

(f) id-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi

(g) Id-Direttiva Nru. 1998/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità tas-*settlement*

- Fis-settur tat-trasport:

(a) ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-faċilitajiet tal-portijiet

(b) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2005 ta' l-10 ta' Ġunju 2005 li jistabbilixxi proċeduri għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurta' marittima

(c) id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet

(d) ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili

(e) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 ta' l-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(f) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003 ta' l-4 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni għal programmi ta' kontroll ta' kwalità għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili nazzjonali

(g) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1486/2003 tat-22 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi proċeduri sabiex jitmexxew spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurta' ta' l-avjazzjoni ċivili

(h) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2004 ta' l-15 ta' Jannar 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(i) ir-Regolament (KE) Nru 849/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili

(j) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1138/2004 tal-21 ta' Ġunju 2004 li jistabilixxi tifsira komuni għall-partijiet kritiċi taż-żoni ristretti ta' sigurtà fl-ajruporti

(k) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 781/2005 tas-24 ta' Mejju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(l) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 857/2005 tas-6 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(m) id-Direttiva Nru 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-ferroviji

(n) it-trasport ta' Merkanzija Perikoluża bil-ferrovija huwa kopert bid-Direttiva 96/49/KE (amendata bid-Direttiva 2004/110/KE, li tadotta RID 2005);

(o) il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari (iffirmata fl-1980, adottata fl-1981 u daħlet fis-seħħ fl-1987)

- Fis-settur tal-kimika:

  (a) installazzjonijiet Perikolużi taħt id-Direttiva Seveso-II (Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi (id-"Direttiva Seveso-II"), emendata bid-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2003

- Fis-settur nukleari:

  (a) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/618/Euratom tas-27 ta' Novembru 1989 dwar tagħrif lill-pubbliku ġenerali rigward miżuri ta' ħarsien għas-saħħa li għandhom jiġu applikati u l-passi li għandhom jittieħdu f'każ ta' emerġenza radjoloġika;

  (b) id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-arranġamenti tal-Komunità għall-iskambju bikri ta' l-informazzjoni f'każ ta' emerġenza radjoloġika.

- **Konsistenza ma' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Din il-proposta hija għal kollox konsistenti ma' l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari ma' l-għan "ta' żamma u żvilupp ta' l-Unjoni bħala żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja, li fiha l-moviment ħieles tal-persuni huwa assigurat flimkien ma' miżuri xierqa ta' kontrolli tal-fruntiera esterna, il-kenn politiku, l-imigrazzjoni u l-ħarsien u l-ġlieda kontra t-terroriżmu".

Din il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra u m'għandhiex l-għan li tieħu post miżuri eżistenti iżda li tikkumplimentahom biex ittejjeb il-ħarsien ta' l-ECI.

## 2) IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Kull min hu kkonċernat ġie konsultat dwar l-iżvilupp ta' l-EPCIP. Dan sar permezz ta':

- Il-*Green Paper* dwar l-EPCIP ġiet adottata fis-17 ta' Novembru 2005 bil-perjodu ta' konsultazzjoni jagħlaq fil-15 ta' Jannar 2006. 22 Stat Membru taw ir-reazzjonijet uffiċjali tagħhom għall-konsultazzjoni. Madwar 100 rappreżentant mis-settur privat ippreżenta l-kummenti tiegħu għall-*Green Paper*. Ir-reazzjonijiet kienu ġeneralment favur l-idea li titwaqqaf l-EPCIP.

- Tliet seminars dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika ġew organizzati mill-Kummissjoni (f'Ġunju 2005, Settembru 2005 u Marzu 2006). It-tliet seminars laqqgħu rappreżentanti mill-Istati Membri. Is-settur privat kien mistieden jattendi għas-seminars li saru f'Settembru 2005 u Marzu 2006.

- Laqgħat informali tal-Punti ta' Kuntatt tas-CIP Il-Kummissjoni organizzat żewġ laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt tas-CIP ta' l-Istati Membri (Diċembru 2005 u Frar 2006).

- Laqgħat informali mar-rappreżentanti tas-settur privat. Saru għadd ta' laqgħat informali mar-rappreżentanti ta' negozji privati partikolari kif ukoll ma' xi assoċjazzjonijiet ta' l-industrija.

- Internament, fi ħdan il-Kummissjoni, ix-xogħol dwar l-iżvilupp ta' EPCIP mexa 'l quddiem bl-għajnuna tal-laqgħa regolari tas-sotto-grupp dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika fuq il-Grupp bejn is-Servizzi dwar l-Aspetti Interni tat-Terroriżmu.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

L-għarfien espert disponibbli nġabar permezz ta' għadd kbir ta' laqgħat u seminars li saru fl-2004, 2005 u 2006. kif ukoll permezz tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-*Green Paper* dwar l-EPCIP. Inġabret l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti.

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Kopja tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt ta' l-EPCIP huwa hawn anness.

## 3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

L-azzjoni proposta twaqqaf qafas orizzontali għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej u għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib tal-ħarsien tagħhom.

- **Il-bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

- **Il-Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettat peress li l-miżuri li qed jittieħdu permezz ta' din il-proposta ma jistgħu jintlaħqu minn l-ebda Stat Membru ta' l-UE u għalhekk iridu jiġu indirizzati fuq livell ta' l-UE. Għalkemm hija r-responsabilità ta' kull Stat Membru li jħares l-infrastruttura kritika li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, huwa kruċjali għas-sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea li jiġi assigurat li l-infrastruttura li għandha impatt fuq zewġ Stati Membri jew aktar, jew fuq Stat Membru wieħed, jekk l-infrastruttura kritika tinsab fi Stat Membru ieħor, titħares biżżejjed, u li Stat Membru wieħed jew aktar ma jsirux vulnerabbli minħabba d-dgħjufijiet jew standards ta' sigurtà aktar baxxi fi Stat Membru ieħor. Regoli li jixxiebħu dwar is-sigurtà jkunu wkoll ta' għajnuna biex jiġi assigurat li r-regoli tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern ma jiġux imxekkla.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta ma teċċedix dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet aħħarija ta' titjib fil-ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea. L-ideat prinċipali mresssqa mill-proposta jinkludu t-twaqqif ta' mekkaniżmu bażiku għall-koordinazzjoni fuq livell ta' l-UE, li jobbliga lill-Istati Membri jidentifikaw l-infrastrutturi kritiċi, l-implimentazzjoni ta' ġabra ta' miżuri ta' sigurtà bażika għall-infrastrutturi kritiċi u fl-aħħarnett l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-infrastrutturi kritiċi ewlenin Ewropej. Il-proposta għalhekk tressaq l-għadd minimu ta' rikwiżiti meħtieġa biex jinbeda ix-xogħol ta' titjib għall-ħarsien ta' l-infrastrutturi krtiċi. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq kif jixraq permezz ta' miżuri oħra, partikolarment bl-adozzjoni ta' sistema ta' linji gwida għall-EPCIP, peress li fl-aħħar minn l-aħħar dawn ma jassigurax livelli mtejba ta' ħarsien fl-UE u lanqas il-parteċipazzjoni sħiħa ta' dawk kollha ikkonċernati.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

L-Istati Membri għandhom metodi differenti għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika u sistemi legali differenti. Direttiva tkun għalhekk l-aktar adattata biex titwaqqaf proċedura komuni għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' Infrastrutturi Kritiċi Ewropej, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi.

## 4) L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

L-istima ta' l-impatt fuq il-baġit tinsab fir-rapport finanzjarju hawn anness.

Il-Programm "Il-Prevenzjoni, it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u Riskji oħra Relatati mas-Sigurtà" għall-perjodu 2007-2013 ser jgħin fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva billi n-nies tiġi protetta kontra r-riskji tas-sigurtà u dawk ir-riżorsi fiżiċi, is-servizzi u l-faċilitajiet tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni, netwerks u assi ta' l-infrastruttura li jekk jiġu interroti jew meqruda ikollhom impatt serju fuq il-funzjonijiet soċjali l-aktar importanti, bħala parti mill-programm intitolat "Is-sigurtà u l-ħarsien tal-libertajiet "

Dan il-programm ma japplikax għall-kwistjonijiet koperti minn strumenti oħra finanzjarji b'mod partikolari mir-*Rapid Response Instrument* f'każ ta' emerġenzi maġġuri, u l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE.

## 5) TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- **Ir-revoka ta' leġiżlazzjoni eżistenti**

L-ebda legiżlazzjoni eżistenti ma trid tiġi revokata.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

*Artikolu 1* – il-preżentazzjoni tas-suġġet tad-Direttiva. Id-Direttiva tistipula proċedura komuni għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej, jiġifieri dawk l-infrastrutturi li l-qerda jew l-interruzzjoni tagħhom ikollhom effett fuq żewġ SM jew aktar, jew fuq Stat Membru wieħed jekk l-infrastruttura kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Id-Direttiva tintroduċi wkoll sistema komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej. Din il-valutazzjoni ser tgħin fit-tħejjija ta' miżuri speċifiċi għall-ħarsien fis-setturi individwali tas-CIP.

*Artikolu 2* – il-preżentazzjoni ta' lista ta' definizzjonijiet bażiċi relatati mad-Direttiva.

*Artikolu 3* – il-preżentazzjoni tal-proċedura għall-identifikazzjoni ta' l-ECI. ECI tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq żewġ membri jew aktar jew fuq Stat Membru wieħed jekk l-infrastruttra kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Din il-proċedura hija msejsa fuq proċess bi tliet stadji. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri u l-partijiet konċernati relevanti jiżviluppaw kriterji ġeneriċi u settorjali għall-identifikazzjoni ta' l-ECI, li mbagħad jiġu adottati permezz tal-proċedura tal-komitoloġija. Il-kriterji ġeneriċi huma żviluppati abbażi tas-serjetà ta' l-interruzzjoni jew qerda tas-CI. Is-serjetà tal-konsegwenzi ta' l-interruzzjoni jew qerda ta' l-infrastruttura partikolari għandhom jiġu analiżżati, fejn possibbli, abbażi ta':

- l-effett pubbliku (l-għadd ta' persuni milquta);
- l-effett ekonomiku (l-importanza tat-telf ekonomiku u/jew degradazzjoni tal-prodotti jew servizzi);
- l-effett ambjentali;
- l-effett politiku;
- l-effett psikoloġiku;
- il-konsegwenzi fuq is-saħħa pubblika.

Kull Stat Membru imbagħad jidentifika dawk l-infrastrutturi li jilħqu l-kriterji. Fl-aħħarnett, kull Stat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawk l-infrastrutturi kritiċi li jilħqu l-kriterji stabbiliti. Għandu jsir xogħol releventi f'setturi tas-CIP ta' prijorità, magħżula mill-Kummissjoni darba fis-sena minn fost dawk elenkati f'Anness 1. Il-lista tas-setturi tas-CIP misjuba fl-Anness 1 tista' tiġi emendata permezz tal-proċedura tal-komitoloġija sakemm id-Direttiva ma tingħatax skop aktar wiesgħa. Dan ikun ifisser b'mod partikolari li l-lista tkun

emendata bl-għan li jiġi ċċarat il-kontenut tagħha. Il-Kummissjoni tqis is-setturi tat-trasport u ta' l-enerġija fost dawk li jeħtieġu prijorità immedjata għal azzjoni.

*Artikolu 4* – l-iffissar tal-proċedura għall-għażla ta' l-ECI. Wara t-tlestija tal-proċedura ta' l-identifikazzjoni skond l-artikolu 3, il-Kummissjoni tħejji abbozz tal-lista ta' l-ECI. L-abbozz tal-lista huwa msejjes fuq in-notifikazzjonijiet li jkunu daħħlu mill-Istati Membri u informazzjoni oħra rilevanti mill-Kummissjoni. L-adozzjoni tal-lista mbagħad issir permezz tal-komitoloġija.

*Artikolu 5* – Pjanijiet tas-Sigurtà għall-Operaturi (OSPs) L-Artikolu 5 jitlob lill-propjetarji/operaturi kollha tas-CI magħżula bħala ECI biex jistabbilixxu OSP li jidentifikaw l-assi tal-propjetarji u ta' l-operaturi ta' l-ECI u jistabbilixxu soluzzjonijiet ta' sigurtà għall-ħarsien tagħhom. L-Anness 2 jipprovdi il-kontenut minimu ta' dawn l-OSP, li jinkludi:

- l-idenifikazzjoni ta' l-assi importanti;
- għandha ssir analiżi tar-riskju msejsa fuq possibbiltajiet ta' theddida maġġuri, vulnerabilità ta' l-assi kollha u l-impatt potenzjali.
- l-identifikazzjoni, għażla u prijoritizzazzjoni ta' kontro-miżuri u proċeduri b'distinzjoni bejn:
    - **Miżuri ta' sigurtà permanenti,** li jidentifikaw investimenti ta' sigurtà indispensabbli u mezzi li ma jistgħux jiġu installati mill-propjetarju/operatur wara notifika qasira. Dan it-titolu ser jinkludi informazzjoni dwar miżuri ġenerali; miżuri tekniċi (inklużi l-installazzjoni ta' mezzi għal sejba, kontroll ta' aċċess, ħarsien u prevenzjoni); miżuri organizzattivi (inklużi proċeduri għall-amministrazzjoni ta' sejħiet ta' allarm u kriżi; miżuri ta' kontroll u verifika; il-komunikazzjoni; trawwim ta' għarfien u taħriġ; u sistemi ta' sigurtà ta' informazzjoni.
    - **Mizuri ta' sigurtà fuq livelli differenti**, li huma attivati skond il-varji livelli ta' riskju u theddid.

Kull settur tas-CIP jista' jiżviluppa OSP's speċifiċi għal settur partikolari msejsa fuq ir-rekwiżiti minimi ta' Anness 2. Dawn is-setturi speċifiċi ta' l-OSP jistgħu jiġu adottati permezz ta' l-OSP.

Għal dawk is-setturi li diġà għandhom obbligi simili, l-artikolu 5(2) jipprevedi l-possibbiltà ta' eżenzjoni mill-obbligi ta' l-OSP, abbażi ta' deċiżjoni meħuda bil-komitoloġija. Huwa aċċettat li d-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet diġà tilħaq ir-rekwiżit biex jitwaqqaf Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.

Ladarba l-OSP ikun imwaqqaf, kull propjetarju/operatur ta' l-ECI għandu jissotometti l-OSP lill-awtorità rilevanti ta' l-Istat Membru. Kull Stat Membru għandu jwaqqaf sistema ta' sorveljanza dwar l-OSP li tassigura li qed tingħata biżżejjed informazzjoni lill-propjetarju/operatur ta' l-ECI dwar il-kwalità ta' l-OSP u b'mod partikolari s-suffiċjenza tal-valutazzjoni tar-riskju u tat-theddida.

*Artikolu 6* – l-Uffiċjal għall-Koodinazzjoni fis-Sigurtà (SLO). L-Artikolu 6 jitlob lill-propjetarji/operaturi kollha tas-CI meqjusa bħala ECI biex jappuntaw SLO. L-SLO ikun jiffunzjona bħala l-punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet dwar sigurtà bejn l-ECI u l-awtoritajiet rilevanti tas-CIP fl-Istati Membri. L-SLO ikollhom għalhekk jirċievu l-informazzjoni kollha rilevanti relata mas-CIP mill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru u jkunu responsabbli biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti mill-ECI mill-Istat Membru.

*Artikolu 7* – ir-Rapportaġġ. Artikolu 8 jintroduċi serje ta' miżuri ta' rapportaġġ. Kull Stat Membru huwa mitlub jagħmel valutazzjoni tar-riskju u t-theddid relatata ma' l-ECI. L-informazzjoni ser tifforma l-bażi għal djalogu bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' sigurtà (sorveljanza) ta' l-ECI kif indikat f'Artikolu 5. Peress li l-Artikolu 5 jirrikjedi lill-propjetarji/operaturi ta' l-ECI biex iwaqqfu l-OSP u jissottomettuhom lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, kull Stat Membru huwa mitlub jagħti ħarsa ġenerali dwar it-tipi ta' vulnerabiltajiet, theddid u riskji misjuba f'kull settur tas-CIP, u biex igħaddu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni ser tifforma l-bażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar hemmx ħtieġa jew le għal miżuri ta' ħarsien adizzjonali. L-informazzjoni tista' tintuża aktar tard għall-iżvilupp tal-valutazzjoni ta' l-impatt, li tkun qed tiġi preżentata flimkien ma' proposti tal-ġejjieni f'dan il-qasam .

Dan l-artikolu jipprevedi wkoll l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni għall-eżekuzzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju, theddid u vulnerabilità fir-rigward ta' l-ECI. Dawn il-metodoloġiji komuni jkunu adottati permezz tal-proċedura tal-komitoloġija.

*Artikolu 8* – l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-ECI. Il-Kummissjoji ser tappoġja l-propjetarji/operaturi ta' l-ECI billi tagħtihom aċċess għall-aħjar prassi eżistenti u għall-metodoloġiji relatati mas-CIP. Il-Kummissjoni ser tintrabat li tiġbor din l-informazzjoni minn sorsi varji (eż. l-Istati Membri, l-iżvilupp tagħha stess) u tagħmilha aċċessibbli lil dawk konċernati.

*Artikolu 9* - Punti ta' Kuntatt tas-CIP Sabiex jiġu assigurati l-kooperazzjoni u l-koordinament ta' kwistjonijiet relatati mas-CIP, kull Stat Membru huwa mitlub jagħti Punt ta' Kuntatt għas-CIP. Il-Punt ta' Kuntatt ikun jikkoordina l-kwistjonijiet relatati mas-CIP fl-Istat Membru, ma' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni.

*Artikolu 10* – il-Kunfidenzjalità u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar is-CIP. Il-Kunfidenzjalità u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar is-CIP huma elementi kruċjali u sensittivi fil-ħidma tas-CIP. Bħala konsegwenza, id-Direttiva tirrikjedi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri xierqa għall-ħarsein ta' l-informazzjoni. Kwalunkwe informazzjoni klassifikata tas-CIP trattata mill-impjegati, għandu jkollha sorveljanza ta' sigurtà xierqa, provduta mill-Istati Membri.

*Artikolu 11* – il-Kumitat. Ċerti elementi tad-Direttiva ser jiġu implimentati permezz tal-komitoloġija. Il-Kumitat ser ikun magħmul mill-Punti ta' Kuntatt tas-CIP. Il-proċedura ta' konsulenza ser tintuża għall-finijiet ta' l-artikolu 5(2), biex jiġu eżentati ċerti setturi mill-obbligu li jiżviluppaw OSP.

Il-proċedura regolatorja ser tintuża fl-oqsma segwenti:

- Artikolu 3(1) – l-adozzjoni ta' kriterji trażversali u speċifiċi għal setturi partikolari biex jiġu identifikati l-ECI;

- Artikolu 3(2) – l-emenda tal-lista tas-setturi tas-CIP misjuba f'Anness 1;
- Artikolu 4(2) – l-adozzjoni ta' l-abbozz tal-lista ta' l-ECI;
- Artikolu 5(2) – l-iżvilupp ta' rekwiżiti speċifiċi għas-setturi partikolari relatati ma' l-OSP;
- Artikolu 7(2) – l-iżvilupp ta' qafas komuni għal rapporti ġeneriċi dwar riskji identifikati, theddid u vulnerabilitajiet;
- Artikolu 7(4) - l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni biex issir valutazzjoni tar-riskju, theddid u vulnerabilità.

2006/0276 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib tal-ħarsien tagħhom**

**(Test ta' relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[3],

Billi:

(1) F'Ġunju 2004, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni tħejji strateġija kumplessiva għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika[4]. Biex twieġeb għal dan, fl-20 ta' Ottubru 2004 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika fil-Ġlieda kontra t-Terroriżmu[5], fejn saru suġġerimenti dwar dak li jista' jtejjeb it-tisħiħ tal-prevenzjoni Ewropea, it-tħejjija u r-reazzjonijiet għall-attakki terroristiċi fuq Infrastrutturi Kritiċi (CI).

(2) Fis-17 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni adottat *Green Paper* dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika[6] fejn ġew identifikati l-alternattivi ta' politika biex jitwaqqaf programm kif ukoll Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika (CIWIN). Ir-reazzjonijiet li ngħataw għall-*Green Paper* urew b'mod ċar il-ħtieġa li jitwaqqaf qafas Komunitarju għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. Ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa li jiżdied il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fl-Ewropa u biex ikun hemm għajnuna biex jitnaqqsu l-vulnerabilitajiet dwar l-

1 ĠU C [...], [...], p. [...].
2 ĠU C [...], [...], p. [...].
3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 Dokument tal-Kunsill 10679/2/04 REV 2
5 KUMM(2004) 702.
6 KUMM(2005) 576.

infrastrutturi kritiċi. Ġiet emfasiżżata l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tad-djalogu mal-partijiet ikkonċernati.

(3) F'Diċenbru 2005, il-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Intern talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u ddeċidiet li għandu jkun imsejjes fuq metodu li jqis ir-riskji kollha, bil-prijorità li jegħleb it-theddid mit-terroriżmu. B'dan il-mod, theddidiet li ġejjin mill-bniedem, dawk teknoloġiċi u diżastri naturali għandhom ikunu meqjusa fil-proċess għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, iżda għandha tingħata prijorità lit-theddida mit-terroriżmu. Jekk il-livell ta' miżuri ta' ħarsien kontra theddida partikolari ta' livell għoli jinstab li huwa adattat f'settur ta' infrastruttura kritika, il-partijiet ikkonċernati għandhom jiffokaw fuq theddid ieħor li għadhom vulnerabbli għalih.

(4) Illum il-ġurnata r-responsabilità għall-ħarsien ta' l-infrastrutturi kritiċi taqa' l-ewwelnett fuq l-Istati Membri u l-propjetarji/operaturi ta' l-infrastrutturi kritiċi. Dan m'għandux jinbidel.

(5) Hemm ċertu numru ta' infrastrutturi kritiċi fil-Komunità, li l-interuzzjoni jew il-qerda tagħhom tkun tolqot zewġ Stati Membri jew aktar jew Stat Membru għajr dak li fih tinsab l-infrastruttura kritika. Dan jista' jkollu effetti transkonfinali fuq setturi differenti, minħabba dipendenza bejn infrastrutturi konnessi. Tali infrastrutturi kritiċi Ewropej għandhom jiġu identifikati u magħżula permezz ta' proċedura komuni. Il-ħtieġa għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi kritiċi għandha tiġi eżaminata fi ħdan qafas komuni. Skemi bilaterali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika jikkostitwixxu mezzi stabbiliti u effiċjenti ħafna biex jitrattaw l-infrastruttura kritika transkonfinali. L-EPCIP għandu jibni fuq din il-kooperazzjoni.

(6) Peress li setturi varji għandhom esperjenza partikolari, l-għarfien espert u r-rekwiżiti relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, għandu jkun hemm l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fuq livell Komunitarju, li tqis il-karatteristiċi u l-mizuri eżitenti tas-setturi partikolari, inklużi dawk fuq il-livell ta' l-UE, nazzjonali jew reġjonali, kif ukoll, fejn meħtieġ, arranġamenti transkonfinali għall-għajnuna reċiproka bejn propjetarji/operaturi ta' infrastruttura kritika eżistenti. Minħabba l-involviment konsiderevoli ħafna tas-settur privat fis-sorveljanza u l-amministrazzjoni tar-riskji, pjanijiet għall-kontinwità kummerċjali u l-irkupru wara l-falliment, il-metodu Komunitarju se jkollu bżonn iħeġġeġ l-involviment sħiħ tas-settur privat. Hemm bżonn ta' lista komuni tas-setturi ta' l-infrastruttura kritika biex l-implimentazzjoni tas-sistema għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fuq bażi settorjali, tkun aktar faċli.

(7) Kull propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura kritika Ewropea għandu jwaqqaf Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi li jidentifika l-assi kritiċi u jistabbilixxi s-soluzzjonijiet ta' sigurtà rilevanti għall-ħarsien tagħhom. Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jqis il-vulnerabilità, il-valutazzjonijiet dwar it-theddid u r-riskji, kif ukoll informazzjoni oħra rilevanti provduta mill-Istati Membri.

(8) Kull propjetarju/operatur ta' l-infrastrutturi kritiċi Ewropej għandu jinnomina Uffiċjal għall-Kooperazzjoni fis-sigurtà biex il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika tkun aktar faċli.

(9) L-identifikazzjoni effiċjenti tar-riskji, theddid u vulnerabilitajiet fis-setturi partikolari titlob komunikazzjoni bejn il-propjetarji/l-operaturi ta' l-infrastruttura kritika Ewropea u l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Kull Stat Membru għandu jiġbor l-informazzjoni dwar l-infrastrutturi kritiċi Ewropej li jinsabu fit-territorju tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tirċievi informazzjoni ġenerika mill-Istati Membri dwar il-vulnerabilitajiet, it-theddid u r-riskji, inkluża l-informazzjoni rilevanti dwar lakuni potenzjali u dipendenzi bejn is-setturi, li għandhom jiffurmaw il-bażi, fejn meħtieġ, ta' l-iżvilupp ta' proposti speċifiċi għal titjib u ħarsien ta' l-ECI.

(10) Biex it-titjib fil-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika Ewropea ikun aktar faċli, għandhom jiġu żviluppati metodoloġiji ġodda għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-vulnerabilitajiet, it-theddid u r-riskji għall-assi infrastrutturali.

(11) Huwa biss qafas komuni li jista' jipprovdi l-bażi neċessarja għall-implimentazzjoni koerenti ta' miżuri għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika Ewropea u jipprovdi definizzjoni ċara tar-risponsabbiltajiet rispettivi tal-partijiet kollha konċernati. Il-propjetarji/operaturi ta' l-infrastruttura kritika Ewropea għandhom ikunu mogħtija aċċess għall-prassi u l-metodoloġiji dwar il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika.

(12) Il-ħarsien effettiv ta' l-infrastruttura kritika teħtieġ il-komunikazzjoini, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fuq livell nazzjonali u Komunitarju. L-aħjar mod kif dan jista' jintlaħaq huwa permezz ta' l-għażla ta' Punti ta' Kuntatt tas-CIP f'kull Stat Membru, li għandhom jikkoordinaw il-kwistjonijiet tas-CIP internament, kif ukoll ma' l-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni.

(13) Biex jiġu żviluppati l-attivitajiet relatati mal-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika f'oqsma li jirrikjedu ċertu livell ta' kunfidenzjalità, huwa xieraq li jiġi aċċertat li l-iskambju ta' l-informazzjoni jkun koerenti u żgurat fil-qafas tad-Direttiva. Ċertu Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika huwa tali li jekk jiġi żvelat inaqqas mill-protrezzjoni ta' l-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika. Fatti speċifiċi dwar assi ta' l-infrastruttura kritika, li jistgħu jiġu wżati għall-pjanjiet u azzjonijiet, bl-għan li jiġu kkawżati konsegwenzi mhux aċċetabbli għall-installazzjonijiet ta' l-infrastruttura kritika għandhom ikunu kwalifikati u l-aċċess għalihom għandu jingħata biss lil min għandu bżonn l-għarfien partikolari, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq livell ta' Stat Membru.

(14) L-iskambju ta' l-informazzjoni dwar l-Infrastruttura Kritika għandu jsir f'atmosfera ta' fiduċja u sigurtà. L-iskambju ta' l-informazzjoni jirrikjedi relazzjoni ta' fiduċja tant li l-kumpaniji u l-organizazzjonijiet ikunu jafu li l-informazzjoni sensittiva tagħhom ser tkun imħarsa b'mod xieraq. Biex jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta' l-informazzjoni, għandu jkun ċar għall-industrija li l-benefiċċji li joħorġu mill-għoti ta' l-informazzjoni relatata ma' l-Infrastruttura Kritika huma akbar mill-ispejjeż għall-industrija u għas-soċjetà b'mod ġenerali. L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika għandha għalhekk tiġi mħeġġa.

(15) Id-Direttiva tikkumplimenta miżuri settorjali eżistenti fuq il-livell Komunitarju u fl-Istati Membri. Fejn diġà jeżistu mekkaniżmi Komunitarji, dawn għandhom ikomplu jintużaw u ser jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva b'mod ġenerali.

(16) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li

tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[7].

(17) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment it-twaqqif ta' proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej u ta' sistema komuni għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni, jiġu milħuqa aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' taddotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, skond l-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalita, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk il-għanijiet.

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Din id-Direttiva twaqqaf proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' Infrastrutturi Kritiċi Ewropej, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi.

*Artikolu 2*
*Id-definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

a) "Infrastruttura Kritika" tfisser dawk l-assi kollha jew parti minnhom li huma essenzjali għall-manteniment tal-funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà, inklużi l-katina tal-provvista, is-saħħa, il-ħarsien, is-sigurtà, il-ġid ekonomiku jew soċjali tan-nies.

b) "Infrastruttura Kritika Ewropea" tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq żewġ Stati Membri jew aktar, jew fuq Stat Membru wieħed jekk l-infrastruttra kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Dan jinkludi l-effetti li jirriżultaw minn dipendenzi bejn is-setturi fuq tipi oħra ta' infrastruttura.

c) Is-"severità" tfisser l-impatt ta' l-interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari, b'referenza għal:

- l-effett pubbliku (l-għadd ta' persuni milquta);
- l-effett ekonomiku (l-importanza tat-telf ekonomiku u/jew degradazzjoni tal-prodotti jew servizzi);

---

[7] ĠU L 184, 17. 7.1999, p.23.

- l-effett ambjentali;
- l-effett politiku;
- l-effett psikoloġiku;
- il-konsegwenzi fuq is-saħħa pubblika.

e) "Theddida" tfisser kull indikazzjoni, ċirkostanza, jew anke avveniment bil-potenzjal li jinterrompi jew jeqred infrastruttura, jew kwalunkwe element minnha.

f) "Riskju" jfisser il-possibbiltà ta' telf, dannu jew inġurja b'kunsiderazzjoni għall-valur mogħti lill-propjetà mill-propjetarju/operatur u l-impatt tat-telfa jew bidla fil-propjetà, u l-possibbiltà li jittieħed vantaġġ minn vulnerabilità partikolari f'xi theddida.

g) "L-Informazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika" tfisser fatti speċifiċi dwar il-propjetà ta' l-infrastruttura kritika, li jekk jiġu żvelati jistgħu jiġu wżati għall-pjanijiet u azzjonijiet fejn il-qerda tkun assigurata jew b'konsegwenzi mhux aċċettabbli għall-installazzjonijiet ta' l-infrastruttura kritika.

*Artikolu 3*
*L-identifikazzjoni ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea*

1. Il-kriterji trażversali jew settorjali li għandhom jiġu wżati għall-identifikazzjoni ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandhom jiġu adotttati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3). Jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

   Il-kriterji trażversali li japplikaw b'mod orizzontali għall-infrastrutturi kritiċi kollha għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni għas-severità ta' l-effett ta' interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari. Għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [*sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].

   Il-kriterji settorjali għandhom jiġu żviluppati għas-setturi l-aktar importanti b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi ta' setturi ta' infrastruttura kritika individwali li jinkludu, kif jixraq, il-partijiet ikkonċernati rilevanti. Għandhom jiġu adottati għal kull settur bi prijorità sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-għażla bħala settur bi prijorità.

2. Is-setturi bi projorità li għandhom jintużaw għall-għanijiet ta' żvilupp ta' kriterji misjuba fil-paragrafu 1 għandhom jiġu identifikati mill-Kummissjoni fuq bażi annwali minn fost dawk elenkati fl-Anness I.

   L-Anness I jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-artikolu 11(3) sakemm din id-Direttiva ma tingħatax għan aktar wiesgħa.

3. Kull Stat Membru għandu jidentifika l-infrastrutturi kritiċi li jinsabu fit-territorju tiegħu kif ukoll l-infrastrutturi kritiċi barra mit-territorju li jista' jkollhom impatt fuqu, li jissodisfaw il-kriterji adottati skond il-paragrafi 1 u 2.

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-infrastrutturi kritiċi identifikati b'dan il-mod, sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-adozzjoni tal-kriterji rilevanti u fuq bażi regolari wara dik id-data.

*Artikolu 4*
*L-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea*

1. Abbażi tan-notifikazzjonijiet magħmula skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3(3) u ta' kwalumkwe informazzjoni li għandha disponibbli, il-Kummissjoni għandha tipproponi lista ta' l-infrastrutturi kritiċi li għandhom jiġu magħżula bħala Infrastrutturi Kritiċi Ewropej.

2. Il-lista ta' infrastrutturi kritiċi magħżula bħala Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandha tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

   Il-lista tista' tiġi emendata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

*Artikolu 5*
*Pjanijiet tas-Sigurtà għall-Operaturi*

1. Kull Stat Membru għandu jesiġi li l-propjetarji/operaturi ta' kull Infrastruttura Kritika Ewropea misjuba fit-territorju tiegħu, jistabbilixxu u jaġġornaw Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi li għandu jiġi reveduta kull sentejn.

2. Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jidentifika l-assi ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u jistabbilixxi soluzzjonijiet rilevanti ta' sigurtà għall-ħarsien tagħhom skond l-Anness II. Jistgħu jiġu adottati rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari relatati mal-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi u dan b'kunsiderazzjoni għall-miżuri tal-Komunità, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

   Filwaqt li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-osservanza ta' miżuri applikabbli għal setturi partikolari elenkati fl-Anness I tissodisfa r-rekwiżiti biex tistabbilixxi u taġġorna Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.

3. Il-propjetarju/operatur ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea għandu jissottometti Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi lill-Istat Membru rilevanti fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea.

   Fejn ir-rekwiżiti speċifiċi għal settur partikolari dwar Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi jiġu adottati skond il-paragrafu 2, il-pjan tas-sigurtà għall-operaturi għandu jkun sottomess biss lill-Istat Membru relattiv fi żmien sena mill-adozzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari.

4. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema li tassigura sorveljanza xierqa u regolari tal-Pjanijiet tas-Sigurtà għall-Operaturi u l-implimentazzjoni tagħhom, imsejsa fuq l-valutazzjonijiet tar-risku u t-theddid skond l-artikolu 7(1).

5. Il-konformità mad-Direttiva Nru 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet diġà tilħaq ir-rekwiżit li twaqqaf Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.

*Artikolu 6*
*L-Uffiċjali għall-koordinazzjoni fis-Sigurtà*

1. Kull Stat Membru għandu jeżiġi li l-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej li jinsabu fit-territorju tiegħu jinnominaw Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà bħala punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà bejn il-propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura u l-awtoritajiet għall-ħarsien ta' l-infrstruttura kritika rilevanti fl-Istat Membru. L-Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà għandu jkun nominat fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea.

2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji u t-theddid identifikati lill-Uffiċjali għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea relattiva.

*Artikolu 7*
*Ir-rappurtaġġ*

1. Kull Stat Membru għandu jagħmel studju dwar ir-riskji u t-theddidiet relatati ma' l-ECI misjuba fit-territoju tiegħu fi żmien sena mid-data ta' l-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala ECI.

2. Kull Stat Membru għandu jirraporta lill-Kummissjoni fil-qosor, fuq it-tipi ta' vulnerabilitajiet, theddid u riskji li ltaqa' magħhom f'kull settur imsemmi fl-Anness I fi żmien 19-il xahar mill-adozzjoni tal-lista misjuba fl-Artikolu 4(2) *et seq* fuq bażi regolari, kull sentejn.

   Qafas komuni għal dawn ir-rapporti għandu jkun żviluppat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina fuq bażi settorjali jekk tezistix il-ħtieġa ta' miżuri għall-ħarsien speċifiku ta' l-Infarstrutturi Kritiċi Ewropej.

4. Metodoloġiji komuni għall-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltajiet, theddid u riskji relatati ma' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej jistgħu jiġu żviluppati fuq bażi settorjali skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

*Artikolu 8*
*L-appoġġ tal-Kummissjoni għall-ECI*

Il-Kummissjoni għandha tappoġja lill-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej billi tagħti aċċess għall-aħjar prassi eżistenti u għall-metodoloġiji relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika.

*Artikolu 9*
*Il-Punti ta' Kuntatt tas-CIP*

1. Kull Stat Membru għandu jappunta Punt ta' Kuntatt għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika.

2. Il-Punt ta' Kuntatt ser jikkoordina kwistjonijiet relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttrua kritika fl-Istat Membru, ma' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni.

*Artikolu 10*
*Il-Kunfidenzjalità u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar is-CIP.*

1. Fl-applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni, b'konformità mad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom, għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex titħares l-informazzjoni koperta mir-rekwiżit tal-kunfidenzjalità li għaliha għandha aċċess jew li hija trażmessa lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali relattiva. Għandu jingħata rendikont tas-serjetà tal-preġudizzju potenzjali għall-interessi essenzjali tal-Komunità jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.

2. Kull persuna li għandha aċċess u tħaddem, għan-nom ta' Stat Membru, l-informazzjoni kunfidenzjali skond din id-Direttiva għandu jkollha livell xieraq ta' skrutinju mill-Istat Membru ikkonċernat dwar dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Informazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika sottomessa lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni, ma tintużax għal għan ieħor għajr il-ħarsien ta' l-infarstrutturi kritiċi.

*Artikolu 11*
*Il-Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat magħmul minn rappreżentanti ta' kull Punt ta' Kuntatt tas-CIP.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw b'konsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

   Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 12*
*L-implimentazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex titħares id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-31 ta' Diċembru 2007. Għandhom jikkomunikaw mill-aktar fis possibbli lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din it-tip ta' referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu il-mod ta' kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewliena tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 13*
*Id-dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 14*
*Destinatarji*

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Kunsill*

# ANNESS I

## LISTA TAS-SETTURI TA' L-INFRASTRUTTURI KRITIĊI

| Settur | | Sottosettur | |
|---|---|---|---|
| I | Enerġija | 1 | Produzzjoni taż-żejt u tal-gass, ir-raffinar, it-trattament, il-ħażna u d-distribuzzjoniet permezz ta' pajpijiet |
| | | 2 | Il-ġenerazzjoini u t-trażmissjoni ta' l-elettriku |
| II | L-industrija nuklejari | 3 | Il-produzzjoni u l-ħażna/l-ipproċessar ta' sustanzi nuklejari |
| III | It-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni, l-ICT | 4 | Il-ħarsien tas-sistema u n-netwerk ta' l-informazzjoni |
| | | 5 | L-awtomizzazzjoni tat-tagħmir u tas-sistemi ta' kontroll (SCADA eċċ.) |
| | | 6 | L-Internet |
| | | 7 | Il-provvista ta' telekomunikazzjonijiet fissi |
| | | 8 | Il-provvista ta' telekomunikazzjonijiet mobbli |
| | | 9 | 5. Il-komunikazzjoniji u n-navigazzjoni bir-radju |
| | | 10 | Il-komunikazzjoni bis-Satellita |
| | | 11 | Ix-xandir |
| IV | Ilma | 12 | Il-provvista ta' l-ilma għax-xorb |
| | | 13 | Il-kontroll tal-kwalità ta' l-ilma |
| | | 14 | Is-sorveljanza u l-kontroll tal-kwalità ta' l-ilma |
| V | L-ikel | 15 | Il-provvista ta' l-ikel u s-salvagwardja tas-sikurezza u tas-sigurtà fl-ikel |
| VI | Is-saħħa | 16 | Il-kura medika u l-kura fl-isptarijiet |
| | | 17 | Il-mediċini, is-serum, il-vaċċini u l-farmaċewtiċi |
| | | 18 | Il-laboratorji u l-aġenti bijoloġiċi |
| VII | Il-finanzi | 19 | Infrastrutturi u sistemi ta' l-ipproċessar u l-għeluq ta' pagamenti u garanziji |
| | | 20 | Swieq regolati |
| VIII | It-trasport | 21 | It-trasport bit-triq |
| | | 22 | It-trasport ferrovjarju |
| | | 23 | It-trasport bl-ajru |
| | | 24 | It-trasport bl-ilmijiet interni |
| | | 25 | In-navigazzjoni fl-oċejani u t-traġitti qosra bil-baħar |
| IX | L-industrija tal-kimiċi | 26 | Il-produzzjoni u l-ħażna/l-ipproċessar ta' sustanzi kimiċi |
| | | 27 | Is-sistemi tal-pajpijiet li jġorru oġġetti perikolużi (sustanzi kimiċi) |
| X | L-ispazju | 28 | L-Ispazju |
| XI | Il-faċilitajiet tar-riċerka | 29 | Il-faċilitajiet għar-riċerka |

# ANNESS II

## IL-PJAN TAS- SIGURTÀ GĦALL-OPERATUR (OSP)

L-OSP għandha tidentifika l-infrastruttura kritika, l-assi tal-propjetarji u ta' l-operaturi u tistabblixxi s-soluzzjonijiet relevanti għas-sigurtà għall-ħarsien tagħhom. L-OSP ser tkopri għallinqas:

– l-identifikazzjoni ta' l-assi importanti;

– għandha ssir analiżi tar-riskju msejjes fuq xenarji ta' theddida maġġuri, vulnerabilitajiet ta' kull propjetà u l-impatt potenzjali.

– l-identifikazzjoni, l-għażla u l-prijoritizazzjoni ta' kontro-miżuri u l-proċeduri b'distinzjoni bejn:

  - **Miżuri ta' sigurtà permanenti,** li jidentifikaw investimenti ta' sigurtà indispensabbli u mezzi li ma jistgħux jiġu installati mill-propjetarju/operatur wara notifika qasira. Dan it-titolu ser jinkludi informazzjoni dwar miżuri ġenerali; miżuri tekniċi (inklużi l-installazzjoni ta' mezzi għal sejba, kontroll ta' aċċess, ħarsien u prevenzjoni); miżuri organizzattivi (inklużi proċeduri għall-amministrazzjoni ta' sejħiet ta' allarm u kriżi; miżuri ta' kontroll u verifika; il-komunikazzjoni; trawwim ta' għarfien u taħriġ; u sistemi ta' sigurtà ta' informazzjoni.

  - **Mizuri ta' sigurtà fuq livelli differenti**, li huma attivati skond il-varji livelli ta' riskju u theddid.

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

**Qasam (Oqsma) ta' politika: Ġustizzja u l-Intern**

**Attività: Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika (PIK)**

**IT-TITOLU TA' L-AZZJONI:** Direttiva tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib tal-ħarsien tagħhom

## 1. LINJA/I TAL-BAĠIT + INTESTATURA/I

Mhux applikabbli

## 2. ĊIFRI KUMPLESSIVI

### 2.1. Allokazzjoni totali għall-azzjoni (Parti B): € miljun għall-impenn

Mhux applikabbli

### 2.2. Perjodu ta' l-applikazzjoni:

Mill-2006

### 2.3. Stima multiannwali globali tan-nefqa:

(a) Skeda ta' approprjazzjonijiet għall-impenji/approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (intervent finanzjarju) (*ara wkoll il-punt 6.1.1*)

€ miljun (*sa tliet ċifri deċimali*)

| | [2006] | [2007] | [2008] | [2009] | [2010] | [2011] | It-total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-impenji | - | - | - | - | - | - | - |
| Il-ħlasijiet | - | - | - | - | - | - | - |

(b) In-nefqa għall-għajnuna u appoġġ tekniku u amministrattiv (*ara l-punt 6.1.2*)

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-impenji | - | - | - | - | - | - | - |
| Il-ħlasijiet | - | - | - | - | - | - | - |

| Total parzjali a+b | - | - | - | - | - | - | - |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-impenji | - | - | - | - | - | - | - |
| Il-ħlasijiet | - | - | - | - | - | - | - |

(c) Impatt finanzjarju kumplessiv ta' riżorsi umani u nefqa amministrattiva oħra*(ara l-punti 7.2 u 7.3)*

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji/ ħlasijiet | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL a+b+c | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 |
| L-impenji | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 |
| Il-ħlasijiet | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 | 1.280.0 00 |

## 2.4. Kompatibilità ma' l-ipprogrammar finanzjarju u l-perspettiva finanzjarja

Din id-Direttiva hija kompatibbli mal-Programm dwar l-Prevenzjoni, it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-sigurtà, għall-perjodu 2007-2013.

## 2.5. Impatt finanzjarju fuq id-dħul:

Il-Programm "Il-Prevenzjoni, it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u Riskji Oħra Relatati mas-Sigurtà" għall-perjodu 2007-2013 (€ 137.5 miljun) ser jgħin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ta' l-ECIP kontra r-riskji tas-sigurtà u dawk ir-riżorsi fiżiċi, is-servizzi u l-faċilitajiet tat-teknoloġija ta' l-informatika, in-netwerks u l-assi ta' l-infrastruttura li fl-eventwalità ta' interruzzjoni jew qerda, ikollhom impatt serju fuq il-funzjonijiet soċjali l-aktar importanti, bħala parti mill-programm intitolat "Is-sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet " Il-programm huwa limitat fl-għan tiegħu peress li ma jkoprix l-investimenti relatati mal-*hardware* jew it-tagħmir. Dan il-programm ma japplikax għall-oqsma koperti minn strumenti finanzjarji oħra b'mod partikolari mir-*Rapid Response Instrument* f'każ ta' emerġenzi maġġuri.

Fir-rigward tal-prevenzjoni u t-tħejjija, il-programm hu maħsub biex

a) iħajjar, jippromwovi u jappoġġja valutazzjoni ta' riskji u theddid fuq infrastruttura kritika, inklużi evalwazzjonijiet fuq il-post, biex jiġu identifikati t-theddid u l-vulnerabilitajiet u l-ħtiġijiet għall-aġġornament tas-sigurtà tagħhom.

b) jippromwovi u jappoġġa miżuri operazzjonali komuni biex tittejjeb is-sigurtà fil-katina transkonfinali tal-provvisti, sakemm ir-regoli tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern ma jiġux imxekkla.

c) jippromwovi u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' standards minimi komuni, l-iskambju ta' l-aħjar prassi, l-għodod għall-valutazzjoni tar-riskji, il-metodoloġiji kumparattivi u biex tingħata prijorità lil ċertu infrastruttura f'setturi differenti, l-analiżi tal-vulnerabilitajiet u intradipendenzi fuq il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika.

d) jippromwovi u jappoġġa l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mal-Komunità kollha dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika. Fejn applikabbli l-iżvilupp ta' proposti għall-miżuri minimi ta' ħarsien u linji gwida komuni.

Fir-rigward ta' l-amministrazzjoni konsegwenzjali, il-programm hu maħsub biex:

a) iħajjar, jippromwovi u jappoġġja l-iskambju ta' l-għarfien, l-esperjenza u t-teknoloġija.

b) iħajjar, jippromwovi u jappoġġja l-iżvilupp tal-metodoloġija rilevanti u l-pjanijiet ta' kontinġenza.

c) jassigura r-reġistrazzjoni f'ħin reali ta' l-għarfien speċifiku dwar suġġetti relatati mas-sigurtà fi ħdan l-amministrazzjoni kumplessiva tal-kriżi, l-allarm rapidu u l-mekkaniżmi tal-ħarsien ċivili.

Il-proposta għalhekk m'għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul.

## 3. KARATTERISTIĊI TAL-BAĠIT

| It-Tip ta' nefqa | | Ġdida | Il-kontribuzzjoni ta' l-EFTA | Il-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti | L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja |
|---|---|---|---|---|---|
| Mhux komp | Mhux diff. | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Le Mhux Applikabbli |

## 4. BAŻI LEGALI

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

## 5. DESKRIZZJONI U RAĠUNIJIET

### 5.1. Ħtieġa ta' intervent mill-Kommunità

*5.1.1. L-għanijiet fil-mira*

Direttiva tkun l-aktar adattata biex jiġi mwaqqaf qafas komuni peress li l-Istati Membri għandhom metodi differenti għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika u tradizzjonijiet legali differenti. Bil-preżentazzjoni ta' għadd ta' ideat fondamentali u peress li l-Istati Membri tħallew jagħmlu użu minn sistemi li l-aktar jgħoddu għall-ħtiġijiet tagħhom, l-għanijiet ta' l-EPCIP jistgħu jitwettqu fit-totalità tagħhom filwaqt li jibnu fuq dak li diġà ntlaħaq.

*5.1.2. Il-miżuri meħuda b'rabta ma' l-evalwazzjoni ex ante*

Kull min hu kkonċernat ġie konsultat dwar l-iżvilupp ta' l-EPCIP. Dan sar permezz ta':

- Il-*Green Paper* dwar l-EPCIP ġiet adottata fis-17 ta' Novembru 2005 bil-perjodu ta' konsultazzjoni jagħlaq fil-15 ta' Jannar 2006. 22 Stat Membru taw ir-reazzjonijiet uffiċjali tagħhom għall-konsultazzjoni. Madwar 100 rappreżentant

mis-settur privat ippreżenta l-kummenti tiegħu għall-*Green Paper*. Ir-reazzjonijiet kienu ġeneralment favur l-idea li titwaqqaf l-EPCIP.

- Tliet seminars dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika ġew organizzati mill-Kummissjoni (f'Ġunju 2005, Settembru 2005 u Marzu 2006). It-tliet seminars laqqgħu rappreżentanti mill-Istati Membri. Is-settur privat kien mistieden jattendi għas-seminars li saru f'Settembru 2005 u Marzu 2006.

- Laqgħat informali tal-Punti ta' Kuntatt tas-CIP Il-Kummissjoni organizzat żewġ laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt tas-CIP ta' l-Istati Membri (Diċembru 2005 u Frar 2006).

- Laqgħat informali mar-rappreżentanti tas-settur privat. Saru għadd ta' laqgħat informali mar-rappreżentanti ta' negozji privati partikolari kif ukoll ma' xi assoċjazzjonijiet ta' l-industrija.

- Internament, fi ħdan il-Kummissjoni, ix-xogħol dwar l-iżvilupp ta' EPCIP mexa 'l quddiem bl-għajnuna tal-laqgħa regolari tas-sotto-grupp dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika fuq il-Grupp bejn is-Servizzi dwar l-Aspetti Interni tat-Terroriżmu.

### 5.2. Azzjoni maħsuba u arranġamenti ta' intervent baġitarju

L-istima ta' l-impatt fuq il-baġit tinsab fir-rapport finanzjarju hawn anness.

### 5.3. Metodi ta' implimentazzjoni

Peress illi din hija Direttiva, l-ebda metodu għall-implimentazzjoni tal-baġit ma huwa neċessarju.

## 6. IMPATT FINANZJARJU

### 6.1. L-Impatt totali finanzjarju fuq il-Parti B - (fuq il-perjodu kollu ta' programmazzjoni)

*6.1.1. L-intervent finanzjarju*

Mhux applikabbli

*6.1.2. Għajnuna teknika u amministrattiva, nefqa ta' appoġġ u nefqa marbuta ma' l-IT (l-approprjazzjonijiet ta' impenn)*

Mhux applikabbli

### 6.2. Kalkolu tan-nefqa skond il-miżura misjuba fil-Parti B (fuq il-perjodu kollu ta' programmazzjoni )

Mhux applikabbli

## 7. L-IMPATT FUQ IN-NEFQA TAR-RIŻORSI UMANI U AMMINISTRATTIVI

### 7.1. L-Impatt fuq ir-riżorsi umani

| It-tip ta' karigi | | Impjegati li għandhom jiġu assenjati għall-amministrazzjoni ta' l-azzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti | | It-total | Deskrizzjoni tal-kompiti mnissla mill-azzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | L-għadd ta' karigi permanenti | L-għadd ta' karigi temporanji | | |
| Uffiċjali jew impjegati temporanji | A<br>B<br>C | 8 A<br>1 B | 1 C | 10 | Il-ġbir u l-ipproċessar ta' l-informazzjoni,<br>it-tħejjija għall-laqgħat tal-Kumitat |
| Riżorsi umani oħra | | | | | |
| It-total | | 9 | 1 | 10 | |

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti bl-allokazzjoni mogħtija lid-DĠ amministrattiv fil-qafas tal-proċedura għall-allokazzjoni annwali.

### 7.2. L-impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani

| It-tip ta' riżorsi umani | Ammont (€) | Metodu ta' kalkolu* |
|---|---|---|
| Uffiċjali<br>Ħaddiema temporanji | 1.080.000<br>48.000 | (108.000x10=1.080.000<br>4.000 x 12 = 48.000 |
| Riżorsi umani oħra<br>(speċifika l-linja baġitarja) | | |
| It-total | 1.128.000 | |

L-ammonti jirrappreżentaw in-nefqa totali għal tnax-il xahar.

### 7.3. Nefqa amministrattiva oħra li tirriżulta mill-azzjoni

| Il-linja baġitarja<br>(numru u intestatura) | Ammont f'€ | Metodu tal-kalkolu: |
|---|---|---|
| **L-allokazzjoni kumplessiva (Titolu A7)** | | |
| A0701 –Missjonijiet | 24.000 | 2000x12 xhur=24.000 |
| A07030 –Laqgħat | - | - |
| A07031 – Il-kumitati obbligatorji | 128.000 | 32.000 x 4 laqgħat fis-sena=128.000 |
| A07032 - kumitati mhux obbligatorji | - | - |
| A07040 – Konferenzi | - | - |
| A0705 – Studji u konsultazzjonijiet | - | - |
| Nefqa oħra (speċifika) | | |
| **Sistemi ta' informazzjoni (A-5001/A-4300)** | - | - |
| **Nefqa oħra - Parti A (**speċifika**)** | | |
| It-total | 152.000 | |

L-ammonti jirrapreżentaw in-nefqa totali għal tnax-il xahar.

Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.

| | | |
|---|---|---|
| I. | Total Annwali (7.2 + 7.3) | 1.280.000 |
| II | Tul ta' l-azzjoni | Għaddejjin bħalissa |
| III. | Nefqa totali ta' l-azzjoni (I x II) | |

**8. IS-SEGWITU U L-EVALWAZZJONI**

**8.1. Arranġamenti għas-segwitu**

Mhux applikabbli

**8.2. L-arranġamenti u l-iskeda għall-evalwazzjoni ppjanata**

Mhux applikabbli

**9. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Mhux applikabbli